MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2015

Numru 182/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frank Anthony Tabone]**

**vs**

**George Anthony Axiak**

**Il-Qorti,**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, George Anthony Axiak, detentur tal-karta tal-identitá Maltija bin-numru 1286G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar it-23 ta' Dicembru 2010, u fil-ġranet ta' qabel ġewwa r-Rabat Għawdex u ġewwa diversi postijiet oħra f'dawn il-Gżejjer, f'ħinijiet differenti:

1. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta) meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta) liema droga ma kienitx għal użu esklussiv tiegħu.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, mgħotija fid-9 ta’ April, 2014, li biha dik il-Qorti illiberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, wara li rat Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat appellant George Anthony Axiak ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu iżda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti illiberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien tmintax (18) il-xahar mid-data tas-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-Qorti ikkundannat lill-imputat sabiex sa żmien tlitt (3) xhur; mid-data tas-sentenza jħallas is-somma ta’ tlitt mija u sitta u disgħin Euro u wieħed u

tmenin ċenteżmu (€ 396.81) liema somma tirrapreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' espert f'dan il-każ (a fol. 45 tergo).

Finalment, il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' April, 2014, fejn l-appellant talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata tad-disgħa (9) ta' April 2014, mogħtija mill-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Ġudikatura Kriminali, in kwantu dik il-Qorti sabitu ħati tal-ewwel akkuża, u tilliberah minn din l-akkuża wkoll.

**4.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti; semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti fil-qosor in kwantu relevanti ghall-finijiet ta' dan l-appell huma s-segwenti:
Fit-23 ta' Diċembru 2010 il-pulizija giet infurmata li l-appellant u ħaddieħor setgħu kellhom fil-pussess tagħhom id-drogi. Fi-tfittxija li saret fil-vettura tal-appellant instab casette tas-CD li wara rriżulta li fuqu kellu traċċi ta' trab abjad li n-natura tiegħu ma ġietx stabbilita. Saret ukoll tfittixja fir-residenza tiegħu u hemm, fil-kamra tas-sodda tal-imputat instab joint jew loqma tal-cannabis ġewwa safe żgħir tal-plastik, nstabu wkoll diversi pakketti tas-sigaretti, diversi libretti ta' karti ta' daqs kbir, żewġ imħakek (*crushers*) tal-plastik li ġewwa fihom nstabu traċċi tar-reżina tal-cannabis, pipa żgħira, hakkieka tal-plastic, kontenitur tal-landa li fih kien hemm ir-ross u kaxxa sulfarini.

**6.** Rat illi l-aggravju ewlieni tal-appellant, minkejja d-diversi sfumaturi tieghu, jikkonsisti filli l-appellant jallega li l-ammont tad-droga cannabis li nstabet fil-pussess tal-appellant ma hix suffiċenti sabiex iwassal għal

sejbien ta' ħtija għar-reat ta' pussess tal-pjanta jew raża tal-cannabis u in sostenn tal-aggravju tiegħu jiċċita numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell u tal-Qorti Suprema tal-iStat ta' Kalifornia fl-iStati Uniti tal-Amerika[1].

**Ikkunsidrat,**

**7.** Il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sentenzi ċitati mill-appellant u din il-Qorti ma tarax li hemm xi differenza sostanzjali bejn dik li temergi f'dawk is-sentenzi u dik li tirriżulta bl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt penali taħt il-liġi tagħna.

**8.** Bħal fil-każ ta' kull delitt, minn barra l-element materjali tiegħu, il-prosekuzzjoni obbligata li tipprova mingħajr dubbju dettat mir-raġuni l-element morali jew intenzjonali tar-reat. Fil-każ tad-delitt li bih ġie imputat l-appellant, u ċioè l-pussess tar-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi dik ir-raża, l-intenzjoni rikjesta mil-liġi hi dik ġenerika konsistenti fl-elementi ta' intendiment u volontá manifestati fil-konsapevolezza u r-rieda tal-elementi materjali tar-reat.

**9.** Mill-provi rriżulta inekwivokabilment li fiż-żewġ ħakkieka li nstabu fil-pussess tal-appellant, kif ukoll fil-loqma li nstabet għandu, nstabu traċċi tas-sustanza THC li tinstab fil-pjanta *cannabis* u fir-raża tagħha. Għall-finijiet ta' ħtija tad-delitt imputat lill-appellant ma hux biżżejjed li l-prosekuzzjoni tipprova li l-appellant kien konsapevoli u ried il-pussess tal-oġġetti li nstabu għandu iżda l-prosekuzzjoni jeħtiġilha tipprova wkoll li l-appellant kien konsapevoli u ried il-pussess tar-raża tal-cannabis li traċċi tagħha nstabu fuq dawk l-oġġetti.

[1] Q. App, People v Cole (1952) 113 Cal. App. 2d 253 (248 P.2d 141); People v Aguilar, 6/12/1963, 35 Cal. Rptr. 516; (1963) 223 Cal. App. 2d 119; Q. App. People v Melendez, 20/2/1964; Q. Suprema People v Leal, 2/5/1966 (1966) 64 Cal. 2d 504; Q. Suprema People v Fein, 5/5/1971; (1971) 4 Cal. App. 3d 747, 754.

**10.** Sabiex tagħmel din il-prova l-prosekuzzjoni trid tal-anqas tipprova ċirkostanzi tali li minnhom il-Qorti tkun tista’ raġionevolment tinferixxi dik il-konsapevolezza u volonta’ da parti tal-aġent tal-pussess tas-sustanza kontra l-liġi. Il-kwantitá tad-droga misjuba għalhekk issir relevanti għal dan il-fini, speċjalment meta tkun l-unika prova tal-pussess materjali tal-istess droga, għaliex il-Qorti tkun trid tagħmel l-apprezzament tagħha sabiex tiddeċiedi jekk il-kwantitá tad-droga misjuba, flimkien maċ-ċirkostanzi l-oħra kollha li jirriżultaw, kienux tali li minnhom il-Qorti tista’ tinferixxi li l-imputat kien konsapevoli u ried il-pussess tas-sustanza in kwistjoni.

**11.** Fil-każ odjern iż-żewġ ħakkieka nstabu fir-residenza tal-imputat fil-kamra tas-sodda tiegħu[2] waqt li l-loqma nstabet ġewwa safe żghir tal-plastik. Fuq dawn l-oġġetti l-espert analista sab li kien hemm traċċi tal-ingredjent tal-pjanta *cannabis*. Huwa xehed li t-traċċi li huwa sab kienu tant żghar li anqas setgħu jintiżnu u ma kienux kwantifikabbli tant li kkwalifikhom bħala insinjifikanti[3]. Huwa kkonferma wkoll li ma setax jgħid kemm it-traċċi li nstabu kienu antiki u kemm kienu ilhom fil-post fejn instabu. In kwantu għal-loqma li nstabet huwa spjega li din setgħet kienet il-“*cool end*” tal-*joint* li jista’ ma jkollhiex *cannabis* magħha u persuna tista’ tispiċċa taħraqha għal xejn għaliex tkun qiegħda taħraq biss biċċa kartuna. L-imputat, meta interrogat mill-pulizija, stqarr li l-oġġetti u materjal li nstabu għandu kienu ġejjin minn ħames snin qabel meta kien ipejjep il-cannabis “tal-blokka” u żied jgħid li kien dam xi sentejn jew sentejn u nofs ipejjipha. Kemm kien ilu l-appellant fl-armata sa Diċembru 2010 sarulu żewġ’ (2) testijiet mhux avżati minn qabel (*random tests*), wieħed minnhom meta ġie ammess bħala suldat fil-forza regolari fil-11 ta’ Mejju 2009, għall-preżenza ta’ droga. Matul 2011

---

[2] Depożizzjoni PS 715 Lucian Gatt fol. 26
[3] Fol. 58

sarulu żewġ (3) testijiet oħra simili; ċioè b'kollox sarulu 5 testijiet bħal dawn. Dawn it-testijiet kollha rriżultaw negattivi[4].

**12.** Il-Qorti ħadet in kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha fosthom l-ammont ferm żgħir li anqas biss seta' jintiżen tat-traċċi deskritti bħala "insinjifikanti" mill-espert analista li identifikom biss bl-użu ta' mezzi analitiċi kimiċi, il-fatt li l-loqma li nstabet kienet tikkonsisti biss fil-kartuna li sservi bħala *filter* u li l-uniku mod biex wieħed seta jistabilixxi kienx hemm traċċi ta' *cannabis* fih kien billi jsiru t-testijiet kimiċi msemmija u dan peress li skont l-istess espert analista din il-loqma setgħet kienet il-*cool end* li setgħet ma kellhiex droga fiha, il-fatt li l-espert analista ma setax jeskludi li t-traċċi li nstabu kien għadda xi żmien fuqhom, il-fatt li l-imputat appellant meta ġie interrogat dakinhar stess tas-sejba stqarr, mingħajr ma ġie kontradett b'xi prova, li l-oġġetti in kwistjoni kienu jirrisalu għal 5 snin qabel meta kien ipejjep il-ħaxixa li iżda kien waqaf milli jagħmel dan xi tlett snin qabel l-interrogatorju, u tasal għall-konklużjoni li ma gewx pruvati ċirkostanzi tali li minnhom tista' raġonevolment u serenament tinferixxi li l-imputat mingħajr dubbju dettat mir-raġuni kien konsapevoli li fiż-żmien relevanti indikat fl-imputatzzjoni, u ċioè "nhar it-23 ta' Diċembru 2010, u fil-ġranet ta' qabel", huwa kien konsapevoli li l-oġġetti in kwistjoni kien fihom ir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet biha bħala bażi. Bħala konsegwenza il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova skont il-liġi wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat li tiegħu nstab ħati l-imputat appellant.

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell ta' George Anthony Axiak u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tmintax (18)-il xahar

[4] Depozizzjoni Dr. Matthew Psaila fol. 64-67 u Dok. MP1 fol 69-70

mid-data tal-istess sentenza u fejn ikkundannatu ghall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' espert f'dan il-każ u tikkonfermha fil-bqija u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------